# MALTA

## ATT Nru. XXI ta' l-1989

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex jemenda l-Att ta' l-1976 dwar id-Dazji ta' Importazzjoni.**

## ACT No. XXI of 1989

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to amend the Import Duties Act 1976.**

Naghti l-kunsens tieghi.

(L.S.)

ĊENSU TABONE
President

25 ta' Lulju, 1989

**ATT Nru. XXI ta' l-1989**

*ATT biex jemenda l-Att ta' l-1976 dwar id-Dazji ta' Importazzjoni.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ. Att XXV ta' l-1976.

**1.** (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1989 li jemenda l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni (Emenda Nru. 3), u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1976 dwar id-Dazji ta' Importazzjoni, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ l-"Att prinċipali".

(2) Dan l-Att għandu jitqies li beda jseħħ fit-30 ta' Mejju, 1989.

Emenda ta' l-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali.

**2.** L-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (4); u

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu għandhom jidħlu dawn is-subartikoli (2) u (3) li ġejjin:

"(2) Meta tkun saret talba lill-Ministru sabiex jippermetti l-importazzjoni f'Malta ta' xi oġġetti mingħajr ebda ħlas ta' dazju, l-importatur jista' jagħmel depożitu għand il-Kontrollur ta' somma ta' flus li tkun biżżejjed fl-ammont tagħha sabiex tkopri kull dazju li għandu jitħallas fuq dawk l-oġġetti, jew jagħti lill-Kontrollur dik il-garanzija bankarja minn bank lokali li l-Kontrollur jidhirlu xierqa fiċ-ċirkostanzi, u

meta jiġri dan l-oġġetti jkunu jistgħu jiġu rilaxxati mill-Kontrollur lill-importatur bl-istess mod daqslikieku d-dazju fuqhom kien tħallas.

(3) Kull somma depożitata bis-saħħa tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu dwar xi oġġetti li tkun saret talba dwarhom lill-Ministru kif imsemmi qabel, għandha tingħadd bħala dħul fil-każ li l-Ministru ma jilqax it-talba msemmija qabel, u tingħata lura mill-Kontrollur lill-importatur fil-każ li l-Ministru jilqa' t-talba.".

Emenda ta' l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**3.** L-intestatura 85.15 fil-Kapitolu 85 ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok is-subintestatura (Ċ) tagħha u minflok il-figuri għar-rigward tagħha fit-Tieni u fit-Tielet Kolonna għandhom jidħlu rispettivament is-subintestatura murija fl-Ewwel Kolonna u l-figuri relattivi murijin fit-Tieni u fit-Tielet Kolonni li ġejjin:

| L-Ewwel Kolonna | It-Tieni Kolonna | It-Tielet Kolonna |
|---|---|---|
| "(Ċ) Riċevituri tat-Televiżjoni tal-Kulur: | | |
| (i) ta' 24 Pulzier (61cm) u fuqhom . . . . . . . . . . . . . | 72 suġġett għal dazju minimu ta' Lm150 | 67 suġġett għal dazju minimu ta' Lm140 |
| (ii) ta' inqas minn 24 pulzier (61cm) iżda iżjed minn 16-il pulzier (42cm) . . . . . . . . . | 72 suġġett għal dazju minimu ta' Lm86 | 67 suġġett għal dazju minimu ta' Lm80 |
| (iii) ta' 16-il pulzier (42cm) u taħthom iżda mhux inqas minn 14-il pulzier (37cm) | 72 suġġett għal dazju minimu ta' Lm65 | 67 suġġett għal dazju minimu ta' Lm60 |
| (iv) oħrajn . . . . . . . | 72 | 67"; |

(b) minnufih wara is-subintestatura (Ċ) tagħha, għandha tidħol is-subintestatura ġdida (D) murija fl-Ewwel Kolonna u l-figuri relattivi murija fit-Tieni u fit-Tielet Kolonni li ġejjin:

| L-Ewwel Kolonna | It-Tieni Kolonna | It-Tielet Kolonna |
|---|---|---|
| "(D) Oħrajn . . . . . . . . . | 72 | 67". |

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 264 ta' l-14 ta' Lulju, 1989.

LAWRENCE GONZI
*Speaker*

P. MUSCAT TERRIBILE
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

I assent.

(L.S.)

ĊENSU TABONE
President

25th July, 1989

**ACT No. XXI of 1989**

*AN ACT to amend the Import Duties Act, 1976.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

Short title and commencement.

Act XXV of 1976.

**1.** (1) This Act may be cited as the Import Duties (Amendment) (No. 3) Act, 1989, and shall be read and construed as one with the Import Duties Act, 1976, hereinafter referred to as "the principal Act".

(2) This Act shall be deemed to have come into force on the 30th May, 1989.

Amendment of section 14 of the principal Act.

**2.** Section 14 of the principal Act shall be amended as follows:

(a) subsection (2) thereof shall be renumbered as subsection (4); and

(b) immediately after subsection (1) thereof there shall be inserted the following subsections (2) and (3):

"(2) Where an application has been made to the Minister to allow the importation into Malta of any goods free of duty, the importer may make a deposit with the Comptroller of a sum of money sufficient in amount to cover the duties payable thereon, or produce to the Comptroller such bank guarantee by a local bank as the Comptroller deems fit in the circumstances, and thereupon the goods may be

released by the Comptroller to the importer in the same manner as if the duty thereon had been paid.

(3) Any sum deposited in virtue of subsection (2) of this section in respect of any goods for which an application shall have been made to the Minister as aforesaid, shall be passed to revenue in the event that the Minister refuses the application aforesaid, and shall be refunded by the Comptroller to the importer in the event that the Minister accedes to the application.".

Amendment of the First Schedule to the principal Act.

**3.** Heading 85.15 in Chapter 85 of the First Schedule to the principal Act shall be amended as follows:

(a) for sub-heading (C) thereof and for the figures in respect thereof in the Second and Third Column there shall be substituted respectively the sub-heading shown in the First Column and the relative figures shown in the Second and Third Columns hereunder:

| First Column | Second Column | Third Column |
|---|---|---|
| "(C) Colour Television Receivers: | | |
| (i) of 24 inches (61cm) and over . . . . . . . . . . . . . | 72 subject to a minimum duty of Lm150 | 67 subject to a minimum duty of Lm140 |
| (ii) of less than 24 inches (61cm) but more than sixteen inches (42cm) . . . . . . . . . | 72 subject to a minimum duty of Lm86 | 67 subject to a minimum duty of Lm80 |
| (iii) of sixteen inches (42cm) and under but not less than fourteen inches (37cm) . | 72 subject to a minimum duty of Lm65 | 67 subject to a minimum duty of Lm60 |
| (iv) Other . . . . . . . . | 72 | 67"; |

(b) immediately after subheading (C) thereof, there shall be inserted the new subheading (D) shown in the First Column and the relative figures shown in the Second and Third Columns hereunder:

| First Column | Second Column | Third Column |
|---|---|---|
| "(D) Other . . . . . . . . . . | 72 | 67". |

---

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 264 of the 14th July, 1989.

LAWRENCE GONZI
*Speaker*

P. MUSCAT TERRIBILE
*Clerk to the House of Representatives*

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — Kastilja — *Published by the Department of Information — Kastilja*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*
Prezz 4c — *Price 4c*